

32006R1759

1.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 335/3

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1759/2006****tat-28 ta' Novembru 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 104/2000****dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq****fil-prodotti tas-sajd u l-akwakultura**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinjoni ta' l-14.11.2006 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

## Billi:

- (1) In-nefqa magħmula mill-Istati Membri skond ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 104/2000<sup>1</sup> hija attwalment soġġetta għar-regoli stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni<sup>2</sup>. Dan ta' l-aħħar ġie revokat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni<sup>3</sup>, li japplika għan-nefqa mill-Istati Membri mis-16 ta' Ottubru 2006.
- (2) L-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jistabbilixxi Fond Ewropew Agrikolu għall-Garanzija (minn hawn il quddiem "FEAG").
- (3) L-Artikolu 3(2)(f) tar-Regolament imsemmi hawn fuq jipprovdi li l-FEAG għandu jiffinanzja n-nefqa marbuta mas-swieq tas-sajd b'mod ċentralizzat.
- (4) Il-finanzjament tan-nefqa marbuta mas-swieq tas-sajd taħt l-Artikolu 3(2)(f) hija l-implimentazzjoni tal-baġit fuq bażi ċentralizzata, u għalhekk għandha tikkonforma mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>4</sup> u r-regoli implimentattivi tiegħu stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002<sup>5</sup>.
- (5) Għalhekk ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

## ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Regolament kif emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

<sup>2</sup> ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.

<sup>3</sup> ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

<sup>4</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 347, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1248/2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 3).

*Artikolu 1*

L-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 35*

1. In-nefqa magħmula mill-Istati Membri skond l-Artikoli 10, 21, 23, 24, 25 u 27 ta' dan ir-Regolament għandha titqies li hija n-nefqa msemija fl-Artikolu 3(2)(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni\*.
2. Il-finanzjament tan-nefqa msemija fil-paragrafu 1 għandu jingħata għall-prodotti minn ħażna jew grupp ta' ħażniet sal-limitu biss ta' kwalunkwe kwantità allokata lill-Istat Membru in kwistjoni mill-volum totali ta' qabdiet permessi ta' ħut għall-ħażna jew grupp ta' ħażniet in kwistjoni.
3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 38(2).

---

\* ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mis-16 ta' Ottubru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*E. HEINALUOMA*

---